**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Mejju 2019**

Numru 4

**Rikors Nru. 87/2018**

**Publio Zammit**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Generali,**
**Id-Direttur Generali tal-Qorti u d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-11 ta' Settembru 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-lanjanza tikkoncerna nuqqas ta' smigh xieraq f'zmien qasir u ragjonevoli waqt ir-rikorrent kien taht il-kundizzjonijiet imposti fil-liberta provizorja pendenti kawza kriminali.

2. Illi l-fatti fil-qosor tal-akkuzi illi taw lok ghal dan il-kaz u ghal din il-kawza kostituzzjonali, huma dawn li gejjien:
(i) Illi Publio Zammit gie mixli quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, flimkien ma' Jose' Xerry (detentur tal-karta tal-identita numru 201185(M)) nhar il- 10 ta' Dicembru 1991 talli bejn Novembru u Dicembru, 1991, f'dawn il-gzejjer, Publio Zammit b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, inganna, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi Lm1,000 (ekwivalenti ghall- €2329.00) ghad-dannu ta' diversi nies;

(ii) Illi flimkien ma' Jose' Xerry, fl-1 ta' Dicembru, 1991, huma ghenu persuni li inizlu l-art jew li mbarkaw f'Malta, billi naqsu li jaghtu lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, l-informazzjoni preskritta u xierqa li jehtieg;
(iii) Illi Publio Zammit, bhala kaptan tal-lanca numru S-931, flimkien ma' Jose' Xerry naqsu illi jaghtu lista tal-passigieri kollha mbarkati f'Malta lid-Direttur tal-Portijiet;
(iv) Illi Publio Zammit flimkien ma' Jose' Xerry, fl-1 ta'Dicembru 1991, kellhom fil-pussess ta' jew il-kontroll fuq flus barraninn f'Malta minghajr l-awtorizzazjoni u kunsens mill-Ministru sabiex izzammu u juzaw jew jiddisponu minnhom favur ta' xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru.

3. Illi permezz ta' sentenza ft-ismijiet Il-Pulizija vs. Zammit Publio u Jose' Xerry datata 9 ta' Jannar, 2013, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Magistrat Dr Francesco Depasquale, u permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Malta), ippreseduta mill-Onor. Imhallef Dr Antonio Mizzi, u datata is-27 ta' Frar, 2014 wara appell mill-Avukat Generali, l-esponenti gie illiberat minn kull htija u piena (fol. 404);

4. Illi r-rikorent esponent hass ruhu aggravat b'dan kollu, u cioe:
(i) mid-dewmien ta' proceduri fil-Qorti sabiex tinghata decizjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk ir-rikorrenti gie imcahhad minn smigh xieraq. Di piu, wara id-decizjoni tad-9 ta' Jannar, 2013, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-Avukat Generali interpona appellli gie deciz bis-sentenza tal-appell, datata fis-27 ta' Frar, 2014, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Malta) fuq riferita.

(ii) mill-fatt illi gie moghti l-liberta provizorja fl-10 ta' Dicembru, 1991, (fol. 14) bil-kundizzjonijiet segwenti, kellu restrizzjoni arbitrarja u abbuziva fejn giet ristetta l-liberta tieghu, minhabba:
a. Illi l-imputat kien obbligat jirrinkaza ruhu kull fil-ghaxija;
b. Illi l-imputat ried regolarment jifferma fl-Ghassa tad-Distrett;
c. Illi kellu jaghmel tajjeb ghal dawn l-obbligazzjonijiet billi jiddepozita is-somma ta' tlett mitt liri Maltin, (Lm300.00), ekwivalenti ghal sitt mija u disgha u disghin ewro, (€699.00);
d. Illi s-safar tieghu kien ristrett.

5. In vista' ta' dan, ir-rikorrent huwa tal-umli fehma illi jirrizulta assodat li kien hemm dewmien ezagerat sa mal-Onorabbli Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha permezz tas-sentenza fuq riferita fejn imponiet onus fuq ir-rikorrenti li emena mill-kundizzjonijiet imposti fl-oghti tal-liberta provizorja li ma kienux neccessarji. Di piu, jirrizulta ukoll li l-kundizzjonijiet imposti huma illegali, u arbitrarji, stante illi ghalkemm inizjalment setghu kienu gustifikati, tali restrizzjonijet fuq il-liberta tar-rikorrenti baqghu ikarkru ghal perjodu ezageratament twil li fih l-esponent ghamel perjodu marbut bil-kundizjonijiet tal-helsien mill-arrest, kien marbut ukoll bl-obbligu ta' rinkasar u b'obligu illi irid imur jifferma gewwa l-ghassa u bis-somma ta' €699 fuq indikata.

6. Illi fir-rigward tal-vjolazzjoni tas-smigh xierqa, bejn is-27 ta' Marzu, 1995 u id-9 ta' Jannar, 2013, l-esponent rari ssejjah biex jidher il-Qorti. Madankollu, ma tul dan iz-zmien kollu, il-Prosekuzzjoni qatt ma nnotifikathom jew talbet li I-imputati biex jersqu l-Qorti biex il-kawza tipprocedi fil-kors normali taghha. Wisq anqas l-ewwel Qorti ma

ordnat li l-appellanti jigu notifikati jew, kieku l-imputati ma attendewx wara notifika, li jinhargilhom mandatt ta' akkumpanjament jew ta' arrest;

7. Illi bil-mod ta' kif tmexxiet il-procedura, kemm mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u mill-Avukat Generali, ir-rikorrenti esponent ma giex moghti smigh xieraq hekk kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

8. Illi r-rikorrenti ghalhekk soffra danni li jemmenaw kemm (a) minhabba id-dewmien eccessiv ta' kif tmexxew il-proceduri, kemm (b) billi hallew lir-rikorrenti esponent fl-ghama, sew jekk fis-sew, jew fil-hazin. Di piu dawn il-proceduri kienu marbutin mal-kundizzjonijiet imposti fil-liberta provizorja, billi (a) kellhom konsegwenzi u impatt kollaterali serju fuq ir-rikorrenti, in kwantu ma setax igawdi il-hajja tieghu personali flimkien mal-familjari tieghu ghal zmien konsiderevoli, billi (b) gie affettwat negattivament mhux biss fizikament izda wkoll psikologikament. Fid-dawl ta' dan, il-hsara li sofra kemm l-esponenti, kif ukoll l-familjari tieghu, ma tistax aktar tigi interpretata bhallikieku tfisser biss hsara patrimonjali, izda ghandha tigbor il-hsara kollha, ukoll dik mhux patrimonjali bbal ma hija l-hsara lill-gisem meta tolqot l-integrita fizika tal-persuna (Lucianne Cassar v. Dragonara Casino Limited (C-23950) First Hall Civil Court (2012), pagna 17, para 62, Citazzjoni Numru. 2429/1998/1). Addizjonalment, ma dan, is-Sezzjoni Plenarja tal-Qorti Suprema Taljana, sostnit illi:
(...) any violation of a human right is not an ordinary or simple violation, hence the damage was damage in re ipsa and there is no need for an objective of specific evidence but circumstantial proof was enough (...)' (E. Navarreta and others, 'Cassazione Sezioni Unite (Plenary session of the Supreme Court, Cass. SS.UU.) 26 January 2004, no. 1338, 1339, 1340 cassazione sezioni Unite (Plenary session of the Supreme Court, Cass. SS.UU.) 26 January 2004, no. 1338, 1339, 1340' in European Tort Law 2004 Tort and Insurance Law Yearbook (2005) 2004 382-394).

Di fatti fid-decizjoni ta' Aden Ahmed v. Malta (Application no. 55352/12) Strasbourg, fit-23 ta' Lulju, 2013, u is-sentenzi citati (Stacy Chircop VS Attorney General (4/2013) u Jonathan Attard vs the Commisioner of Police and the Attorney General in representation of the Government (13/2013) pagna 15 u The Police vs Pauline Vella no. 42/2007) pagna 16) f'din l-istess decizjoni il-Qorti iddikjarat u ordnat hlas ta' €30,000 eskluzi l-interessi u taxxi.

Ir-ratio decidendi wara din is-sensiela ta' decizjonijiet turi bic-car illi d-danni gew ritlessi mhux biss f'danni patrimonjali, izda f'danni mhux patrimonjali fil-hajja tal-esponenti u l-familjari tieghu, illi affetwathom milli jiffjurixu f'relazzjonijiet kemm inter-kif ukoll intra personali. Fil-fatt, din il-Qorti qalet bic-car illi hija kienet qeda tikkonsidra mhux biss danni pekunarji izda ukoll danni mhux patrimonjali, skond l-artikolu 1045 tal-Kodici Civili, tal-Ligijiet ta' Malta, fejn ghamlita bic-car illi:
'(...) civil claim for compensation cannot be considered to be a sufficiently certain remedy in practice as regards compensation for allegedly inadequate detention conditions. Moreover, the Court further notes that loss of opportunity, to which the Government had originally referred, is a type of pecuniary, and not non-pecuniary, damage (...)' (Aden Ahmed v. Malta (Application no. 55352/12)Strasbourg, pagina 20, para. 59).

Fir-rigward ta' dan, il-Qorti ta' Malta tkompli tghid:
'(...) u wkoll bla ma nqisu dak li tghid il-Karta, il-ligi tad-delitti civili ta' pajjiz Ewropew tas-Seklu XXI ma tistax tkompli thalli bla rimedju lil min igarrab hsara fil-valuri fondamentali tal-hajja (...);(Busuttil Linda v. Dr. Muscat, First Hall Civil Court (2010) (pending appeal), Dr. Joseph Pace et v. The Hon. P.M. Dr. Eddie Fenech Adami et. First Hall Civil Court (2012), and Lucianne Cassar v. Dragonara Casino Limited (C-23950) First Hall Civil Court (2012) (Dragonara Case). Dragonara Case pagna 17, para 62, Citazzjoni Numru. 2429/1998/1).

'(...) Il-hsara mhux partimonjali, minn natura stess taghha, u fin-nuqqas ta' dispozizzjonijiet legislativi li jirregolaw il-quantum, ma tistax tigi likwidata jekk mhux arbitrio boni vir; wara li l-qorti tqis il-fatturi kollha li ssemmew fuq (...)' (Ibid, Dragonara Case pagna 17, para 63, Citazzjoni Numru. 2429/1998/1) (emfazi mizjuda);

9. Illi l-esponent jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

10. Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkordalu r-rimedji Kostituzzjonali spettanti lilu skond il-ligi, fosthom senjatament l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk:

i. Tiddikjara illi tul l-imsemmi procedura kriminali l-esponenti (i) ma giex moghti smigh xieraq, (ii) kellu restrizzjoni fuq il-liberta u tgawdija ta' hajja normali, kemm mal-familija tieghu, u vice versa, kif ukoll ghall-opportunita ta' xoghol;

ii. Tiddikjara lill-intimati fug indikati jew min minnhom responsabbli ghad-danni, sia materjali, sia morali u dannu ezistenzjali, sofferti mir-rikorrenti u l-familjari tieghu bhala rizultat tal-vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tieghu gia citati;

iii. Tiddikjara u tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens ai termini:
-tal-Kap. 319 Dwar Il-Konvenzjoni Ewropea, b'referenza ghall-artikoli 4A(2); 5(5); Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, b'referenza ghal artikolu 3; u It-Tielet Skeda (Artikolu 4A) Paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv ghas-Seba' Protokollli hemm mal-Konvenzjoni; u
-tal-Kostituzjoni ta' Malta, skont artikoli 34(4);
kif ukoll li jinghata l-intersessi relattivi skont il-ligi ta' 8% fug is-somma ta' €699 depozitata in konnessjoni ghat-talba ghall-liberta provizorja, mid-data tad-depozitu, cioe mill-10 ta' Dicembru, 1991 sa meta inghata s-somma lura;

iv. Tiddikjara u tikkundanna lill-intimati jhallsu dan il-kumpens u l-interessi dovuti fis-somma hekk likwidata;

v. Taghti kull provvediment iehor li jkun jidhrilha hekk xieraq u opportun sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali li tghid hekk:

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega li garrab lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu senjatament dawk imsemmija fl-Artikolu 5 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jose Xerry u Publio Zammit" u restrizzjoni tal-liberta minhabba l-kundizzjonijiet imposti fuqu meta inghata l-helsien mill-arrest.

Illi esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi preliminarjament jigi eccepit li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' din il-kawza u li l-prezenza tal-Avukat Generali hija bizzejjed ghal-integrita tal-gudizzju.

Dwar dewmien irragjonevoli
Bhala fatti mill-atti tal-kawza kriminali jirrizulta li r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) fl-10 ta Dicembru 1991 akkuzat li wettaq diversi reati. Huwa inghata l-helsien mill-arrest mill-ewwel permezz ta' digriet tal-10 ta' Dicembru 1991. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 1992 cioe wara hames xhur biss u dakinhar il-Qorti hallitha provi difiza. Ir-rikorrent iddikjara li ma ghandux iktar provi fl-4 ta' Mejju 1994 (sentejn wara) filwaqt li t-trattazzjoni saret fit-3 ta' Frar 1995. Il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha fid-9 ta' Jannar 2013 li minnha sar appell li gie deciz finalment fis-27 ta' Frar 2014. Jigi b'hekk li l-kawza damet b'kollox 23 sena.

Minn ezami tal-verbali tas-seduti m hemm l-ebda dubju li jekk verament kien hemm dewmien fl-andament tal-kawza dan zgur li ma giex ikkawzat mill-Prosekuzzjoni jew mill-Avukat Generali. Dan qed jinghad ghaliex l-involviment tal-Avukat Generali fil-kawza kien wiehed purament formali meta dak iz-zmien Dr Borg Barthet hareg l-ordni li l-kaz setgha jigi ttrattat bi procedura sommarja. Dan ma kienx kaz ta kumpilazzjoni fejn allura l-atti jintbghatu lill-Avukat General biex jigu rinvijati lil Qorti jew jinhareg l-att fakkuza. Il-pulizija resqu l-provi taghhom fi zmien hames xhur li ragjonevoli. Ghalhekk dewmien mill-esponenti ma kienx hemm zgur.

Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir tal-awtorita jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tinstema fi zmien ragjonevoli u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skond il-ligi.

Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tiegliu u fil-kumplessivita tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien xi dewmien irragjonevoli u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Dwar ir-restrizzjoni tal-liberta:
Illi b'din il-lanjanza r-rikorrent qed jaghti l-impressjoni, b'mod mill-aktar skorrett, li l-kundizzjonijiet imposti fuqu kienu irragjonevoli u sahansitra jiddeskrivihom bhala "illegali" u arbitrarji.

L-esponenti jinsabu ferm perplessi bdin il-lanjanza u dan ghaliex qatt ma irrizulta li waqt il-proceduri in kwistjoni, ir-rikorrent gie b'xi mod arrestat, detenut jew li kien hemm xi restrizzjonijiet fuq il-liberta tieghu.

L-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea jitkellem car u ma hemmx l-elementi sabiex din l-Onorabbli Qorti issieb li sehhet vjolazzjoni tieghu. Kif intqal aktar 'il fuq, ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest mill-ewwel meta tressaq il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 1991. Naturalment l-ghoti tal-helsien mill-arrest inghata taht diversi kundizzjonijiet skont l-artikoli 575 et sequitur tal-Kap. 9. Fil-fatt il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati kienu ragjonevolissimi fic-cirkostanzi tal-kaz u zgur li bl-ebda mod ir-rikorrent ma gie mcahhad mid-dritt qhal-liberta. Il-kundizzjonijiet kienu fost l-ohrajn li r-rikorrent ghandu jiffirma l-Ghassa darba fil-gimgha biss u li jaghmel tajjeb ghal-obbligazzjonijiet b'depozitu ta' Lm300. Ma jirrizultax li gie impost fuq ir-rikorrent hinijiet ta' rinkazar kif erronjament gie imnizzel fir-rikors promotur. Dwar is-safar, kull meta r-rikorrent ghamel talba biex isiefer ma jirrizultax li dawn gew michuda u fi kwalunkwe kaz anke kieku stess ir-rikorrent ghandu dejjem ibaxxi rasu ghal-awtorita tal-Qorti. Illi lanqas wiehed jista' jargumenta li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu irragjonevoli jew li l-ammont ta garanzija kien wiehed eccessiv. L-esponent jirrileva li dawn il-kundizzjonijiet huma assolutament proporzjonati u legittimi meta wiehed jikkunsidra ir-reati addebitati lir-rikorrent.

Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Qrati) u Direttur Qrati Kriminali u Tribunali li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari d-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali mhumiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;

2. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali (Qrati) jew mid-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-gudikant/i li ppresjedew l-proceduri u ghal dan l-allegat nuqqas zgur li ma jistghux iwiegbu jew jigiu tenuti responsabli l-esponenti.

4. Illi ssir riferenza ghal dak li ntqal fil-kawza Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati ma ghandux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

5. Illi in oltre l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal :
'Hu ben saput li l-Gudikaiura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa’ taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'

6. Illi l-esponenti ma kellhom ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u lanqas ma kienu involuti fil-materja u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kienu parti fil-proceduri.

7. Illi huwa risaput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv u ghalhekk anke minn dan il-lat it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

8. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut:
'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet min ghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'

9. Illi r-rikorrenti jilmenta wkoll mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kienu gew imposti fuqu fl-10 ta' Dicembru tas-sena 1991, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw li anke minn dan il-lat huma ma ghandhomx kontroll fuq id-decizjonijiet tal-Qrati;

10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti joghgobha tichad in toto t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjez kontra l-stess rikorrenti.

Rat l-atti inkluz il-process fl-ismijiet Il-Pulizija vs Publius Zammit, u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Fl-affidavit tieghu r-rikorrent qal li xi 27 sena ilu kien gie arrestat u tressaq il-Qorti fuq akkuzi li ghen persuni jidhlu jew johorgu minn Malta irregolarment. Hu kien inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li ma setax isiefer, li jiffirma l-ghassa tal-Pulizija darba fil-gimgha u jiddepozita s-somma ta' Lm300. Il-kaz dam jinstema numru ta' snin u baqa ghas-sentenza ghal numru kbir ta' snin. Sadanittant baqa' jahdem xoghol ta' sewqan ta' vetturi kbar pero ma setghax isuq containers kbar barra minn Malta minhabba l-kondizzjoni dwar safar li kellu. Ghamel zmien ma jirceviex tahrika biex jitla l-Qorti u kien biss fil-2013 li rceva tahrika meta nghatat sentenza u gie liberat. Kemm dam pendenti l-kaz huwa sofra personalment, kif ukoll sofrew martu u ibnu. Hu dejjem kellu taqtigh il-qalb ghax ma kienx jaf kif ser jispicca l-kaz u ma setghax jaghmel pjanijiet ghal futur. Hu izzewweg fil-1991 meta kien inqala l-kaz. Kellu restrizzjoni li jidhol id-dar fil-10.00pm u ma setghax johrog qabel 7am. Dan affettwaw lilu u l-familja hazin. Fit-2000 telaq l-

impieg bhala heavy plant driver u beda jahdem bhala mechanic imma waqqfuh wara ftit gimghat u jissuspetta li dan gara ghax kellu kaz pendent l-Qorti.  Gie offrut xoghol il-Libya bhala mechanic pero l-istess ma setghax minhabba l-kaz. Ghamel zmien ma jistax isib xoghol u fil 2012 sab xoghol ta' driver u minn hemm il-quddiem dejjem hadem.  Il-flus li kien iddepozita l-Qorti bhala plegg hadhom lura f'Marzu 2014.

**Legittimu kontradittur**

Il-Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa li hu mhuwiex il-legittimu kontradittur ta' din il-kawza u li l-prezenza tal-Avukat Generali hija bizzejjed ghal integrita tal-gudizzju.

L-Artikolu 181B tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Gvern, jigifieri l-Istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk, is-subinciz (2) tal-istess Artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Il-proceduri inkriminati ttiehdu quddiem il-Qorti tal-Magistrati. F'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni tal-azzjoni kriminali kienet inizjata mill-Pulizija fuq ordni tal-Kontrollur tad-Dwana u mmexxija mill-Pulizija. Peress li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda t-tul tal-azzjoni kriminali in dizamina, liema azzjoni hi mmexxija mill-Pulizija, allura l-istess ghandhom ghal xiex iwiegbu ghad-dewmien ezagerat li jista' jigi riskontrat.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi respinta.

L-intimat Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Kriminali u Tribunali eccepew li huma m'humiex il-legittimi kontradditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent. Jishqu li r-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq, ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata minnhom. Ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-gudikant/i li ppresjedew l-proceduri. Kwantu ghal

kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kienu gew imposti fuqu, jirrilevaw li anke minn dan il-lat huma ma ghandhomx kontroll fuq id-decizjonijiet tal-Qrati.

Illi l-intimati ghamlu riferenza ghal dak li ntqal fil-kawza **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati et** (Kost 25/04/1990), fejn dwar il-posizzjoni tar-Registratur u tad-Direttur tal-Qrati specifikatament intqal li r-Registratur tal-Qrati ma ghandux ir-rappresentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f'kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti.

L-intimati ghamlu riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** (Kost 08/11/2004) fejn intqal:

> Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa' taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorreni huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** (Kost 07/10/2005) gie ritenut:

> Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza. Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju - anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi - u hu ma hux f'posizzioni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati hija ben fondata. La mir-rikors promotur u lanqas mill-assjem tal-provi ma jirrizulta li r-rikorrent qieghed iressaq xi ilment direttament kontra l-intimat Direttur Generali (Qrati). Ghar-ragunijiet li huma esposti bl-aktar mod car u inekwivoku fis-sentenzi riferiti, il-Qorti taghmel taghha dik il-gurisprudenza fejn tolqot din l-eccezzjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Qrati) u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali qed tigi milqugha u qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti.

**Dewmien**

F’dina l-kawza r-rikorrenti qed jitlob li l-Qorti takkordalu rimedji Kostituzzjonali abbazi tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba illi tul l-imsemmija procedura kriminali hu ma giex moghti smigh xieraq.

L-intimati eccepew li mill-assjem tal-proceduri kriminali in dezamina ghalkemm il-kaz dam numru ta' snin sakemm gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli.

Il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur ta’ jedd fundamentali jinbena fuq id-dewmien tal-kaz tieghu quddiem il-Qorti ta’ kompetenza kriminali. Hu jsejjes l-ilment tieghu taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; taht id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni l-jedd ta’ smigh xieraq f‘proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstama’ minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi. Dan ifisser li l-artikolu japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti u ma japplikax ghal procedurii quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Inkwirenti u lanqas ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali bhala Qorti Istruttorja.

Min-naha l-ohra l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li “Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi”.

Fl-istess sens huwa l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319:

> Kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi.

Taht il-Konvenzjoni Ewropeja, r-ragonevolezza taz-zmien fil-proceduri kriminali, huwa meqjus li jibda minn meta persuna tigi akkuzata izda dan ma jfissirx li bilfors iz-zmien jibda minn x'hin il-persuna tkun akkuzata formalment, izda jista' jibda wkoll minn meta l-persuna tkun mgharrfa li qieghda taht investigazzjoni u tkun qieghda tinzamm taht arrest preventiv minhabba f'hekk. Iz-zmien jigi kkalkulat sakemm jintemmu l-proceduri u dan isehh meta s-sentenza tigi determinata finalment.

Fis-sentenza **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** (Kost 28/02/2014) intqal :

> … in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 of the Convention begins to run as soon as a person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened" (Q.E.D.B: Merit v Ukraine, Application 6656/01, 30 June 2004).

Inoltre r-ragonevolezza taz-zmien ma jitkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma trid titqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Il-procedura gudizzjarja trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda terminu assolut li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha. Ma hemm l-ebda fattur partikolari li wahdu huwa determinanti imma huma c-cirkostanzi kollha maghdudin flimkien li ghandhom ikunu bazi tajba biex jigi deciz dwar ir-ragjonevolezza tad-dewmien (**Francis Said vs Avukat Generali** (Kost 12/02/2010).

Il-qies tad-dewmien fit-tmexxija ta' procedura quddiem qorti ghall-finijiet ta' lment ta' ksur tal-jedd ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli ghall-finijiet tal- Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, jitkejjel fuq tliet konsiderazzjonijiet – (i) il-komplessita' tal-kaz, (ii) l-imgiba ta' min ikun qed iressaq l-ilment u (iii) s-sehem tal-awtoritajiet koncernati fid-dewmien – u mal-ahhar wahda minnhom illum jitqies ukoll (iv) is-siwi ta' dak li l-parti ghandha x'titlef u tirbah mill-kaz taghha quddiem il-qrati (**Sydney Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija et** (Kost 28/01/2013).

Dwar x'ghandha parti x'titlef u tirbah mill-kaz taghha, l-qrati jiddistingwi bejn proceduri civili u proceduri kriminali. Gie deciz in propositu fis-sentenza fl-ismijiet **David Marinelli vs Avukat Generali** (Kost 29/05/2009) li:

> Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu in issue, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament, kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni.

Il-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-kaz li ghandha quddiemha kienx hemm tassew ksur tar-regola taz-zmien ragonevoli fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Minn ezami tal-process kriminali jirrizultaw is-segwenti fatti:

Ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Dicembru 1991

Inzammew is-segwenti seduti

18/12/1991 – xehdu 16 il-xhud.
20/12/1991 – xehdu 3 xhieda
22/1/1992 – xehdu 9 xhieda
23/3/1992 - xehed Alan Calleja u pprezenta l-Proces Verbal a fol 167; u 2 xhieda ohra.
20/4/1992 - -differita billi r-rikorrent ma setghax jidher il-Qorti minhabba incident.
18/5/1992 – xehdu 3 persuni u l-PROSEKUZZJONI IDDIKJARAT LI Ma GHANDHIEX AKTAR PROVI (fol. 182)
16/6/1992 – PROVI TAD-DIFIZA – L-avukati difensuri ma dehrux. Differita bhala l-ahhar differiment
13/7/1992 - L-Avukat difensur ma deherx
16/9/1992 - Ir-rikorrent ma deherx billi kellu incident
23/10/1992 – L-avukat difensur tar-rikorrent ma deherx
23/11/1992 - Ma sar xejn billi r-rikorrent kien rikoverat Mt. Carmel ghal kura
25/11/1992 - Inghata degriet a fol. 221. Giet imposta fuq ir-rikorrent kondizzjoni dwar safar u Michelle Zammit harget id-depozitu ta' LM 300 biex ir-rikorrent jerga jinghata l-liberta provvisorja
15/12/1992 – Qorti impenjata b'xoghol iehor
3/2/1993 - Ma deher hadd.
8/3/1993 - Ir-rikorrent ma deherx.
19/4/1993 – Id-difiza ma harrkitx ix-xhieda.
24/5/1993 - L-avukati tad-difiza ma dehrux.
21/6/1993 - L-ufficjal Prosekutr talab differiment.
22/7/1993 – Xehed l-ex Spettur Alfonse Cauchi.
8/10/1993 - Xehed l-ex Spettur Alfonse Cauchi.
1/12/1993 – Xehed ir-r-rikorrent.

17/1/1994 – Prosekuzzzjoni u difiza ma dehrux.
21/2/1994 – Xehdet it-Tabiba Sciberras.
RIKORRENT JIDDIKJARA LI M'GHANDUX AKTAR PROVI – (Fol. 249).
Kawza differita ghal provi tal-akkuzat l-iehor Jose Xerri.
23/3/1994 IMPUTAT JOSE XERRY JIDDIKJARA LI M'GHANDUX AKTAR PROVI (Fol. 253) imma jixtieq jixhed minn jeddu.
4/5/1994 – Kawza differita biex jixhed Jose Xerry u trattazzjoni.
6/6/1994 - Avukat difensur ta' Xerry ma deherx.
15/7/1994 – Differiment ghax-xhieda ta' Xerry u trattazzjoni.
26/9/1994 – Qorti impenjata b'xoghol iehor.
19/10/1994 – Deher ir-rikorrent. L-imputat Xerry ma deherx. Ordni t'arrest.
24/10/1994 - Il-Pulizija u l-imputat ma deherux.
26/10/1994 - Differiment provi Xerry.
2/12/1994 - Rikorrent ma deherx – Kawza differita trattazzjoni Xerry
3/2/1995 – Avukat difensuri ma dehrux. – DIFFERITA GHAS-SENTENZA -
Is-sentenza inghatat fil- 9/1/2013 wara 88 differiment fuq perjodu ta' 18 il-sena. Inghatat sentenza ta' riga wahda. (Ara fol. 363) u li l-Qorti tal-Appell iddikjarat li lanqas kienet sentenza.
L-Avukat Generali jappella mis-sentenza (ara fol. 366).
L-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali saret fil- 4/11/2013.
9/12/13 – Ir-rikorrent talba ghal differiment.
21/2/14 Differita ghas-sentenza
27/4/14 Inghatat is-sentenza

**Tikkunsidra**

Jirrizulta lampanti d-dewmien inaccettabili biex tinghata s-sentenza wara kwantita ta' differimenti, cioe 88 darba u fuq perjodu ta' procedura li hadet. Ir-responsabilita ta' dan taqa fuq il-gudikant. Il-kaz ma kienx xi wiehed partikolarment kompless u x-xhieda principali gew migbura f'hames xhur.

Kwantu ghas-sehem tal-awtoritajiet koncernati fid-dewmien (il-Prosekuzzjoni) ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Dicembru 1991 u mill-ewwel bdew jinstemghu x-xhieda. Il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha waqt is-seduta tat-18 ta' Mejju 1992 cioe wara hames xhur. Dan il-kaz gie ttrattat bi procedura sommarja u ma kienx hemm rinviji ghalhekk il-kontrol fuq il-proceduri ma kienx gej minn naha tal-Avukat Generali (kif erronjament indikat mir-rikorrent ara nota tar-rikorrent a fol. 30 para 7) bhal meta jkun hemm ir-rinviji, imma mill-Qorti. Fir-rigward tal-Prosekuzzjoni kull ma kien hemm tlett talbiet ghal differiment li huwa ultra ragjonevoli f'kawza li damet ghexieren ta' snin.

Ghalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ma jahti xejn ghad-dewmien riskontrat.

Fir-rigward tal-imgieba tar-rikorrent ma jistaghx jinghad l-istess. Hu talab jew inghata 16-il differimenti minhabba nuqqas da parti tieghu. Ghalhekk f'dan ir-rigward anke r-rikorrent ikkontribwixxa b'xi mod biex il-kawza titwal. Jigi rilevat li tul dan il-perjodu kollu r-rikorrent la ghamel rikors quddiem il-Qorti biex jinsisti li tinghata is-sentenza u lanqas talab biex jigi sostitwit il-gudikant, kif seta jaghmel skond il-ligi.

Il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni t-tul taz-zmien li hadu l-proceduri li certament ma kienx misthoqq u tenut kont b'mod partikolari tan-natura kriminali tal-proceduri, tiddeciedi li kien hemm dewmien esagerat u irragjonevoli.

**Dwar ir-restrizzjoni tal-liberta**

Ir-rikorrent talab ukoll li dina l-Qorti tiddikjara li hu kellu restrizzjoni fuq il-liberta u tgawdija ta' hajja normali mal-familija tieghu, kif ukoll nuqqas ta' opportunita' ta' xoghol u dana bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

L-intimati wiegbu li l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest kienu ragjonevoli u l-ammont ta' garanzija ma kienx wiehed eccessiv. Dawn il-kundizzjonijiet kienu assolutament proporzjonati u legittimi meta wiehed jikkunsidra ir-reati addebitati lir-rikorrent. Huma fil-fatt ghamlu dawn is-sottomissjonijiet:

-Ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest mill-ewwel meta tressaq il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 1991.

-L-ghoti tal-helsien mill-arrest inghata taht diversi kundizzjonijiet skont l-artikoli 575 et sequitur tal-Kap. 9.
-Il-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati kienu ragjonevoli fic-cirkostanzi
-Ir-rikorrent ma giex mcahhad mid-dritt ghal-liberta.
-Ir-rikorrent kellu jiffirma l-Ghassa darba fil-gimgha biss
-Hu ghamel tajjeb ghal obbligazzjonijiet b'depozitu ta' Lm300.
-Ma jirrizultax li gew imposti fuqu hinijiet ta' rinkazar (kif erronjament gie imnizzel fir-rikors promotur).
-Dwar is-safar, kull meta ir-rikorrent ghamel talba biex isiefer ma jirrizultax li din giet michuda.

Illi r-rikorrent ma jistax ighid li l-liberta tieghu giet ristretta billi huwa nghata l-liberta provvisorja mill-ewwel gurnata u baqa hekk sal-ahhar. Il-kondizzjonijiet kienu ragjonevoli, mhux eccessivi u kif solitu li jinghataw. Hu qatt ma talab li jigu varjati.

Hu kellu jiddepozita s-somma ta' Lm300 (ammont ragjonevoli ghall-akkuzi li kellu) u li jirrapporta l-ghassa darba fil-gimgha. Ir-rikorrenti xehed li kellu restrizzjoni li jidhol id-dar fil-10.00 pm u ma setghax johrog qabel 7 a.m izda mill-atti ma jirrizultax li gew imposti fuqu dawn il-hinijiet ta' rinkazar. (ara fol. 14 tielet kondizzjoni li giet mhassra).

Ir-rikorrent inghata l-helsien mill-arrest mill-ewwel ghalhekk huwa ma giex deprivat milli jgawdi l-familja b'mod normali u lanqas ma gie mcahhad milli jahdem. Ghalkemm ir-rikorrent ighid li minhabba l-akkuza li kellhu ma kienx facili li jsib ix-xoghol, fix-xhieda tieghu hu ma ressaq ebda prova konkreta dwar telf ta' xoghol minhabba dan il-fatt jew minhabba l-kondizzjonijiet tal-bail. Hu jghid biss li 'jissuspetta' li ma setghax isib xoghol minhabba hekk. Imma daqshekk mhux bizzejjed bhala prova. Hu ma gab l-ebda prova dwar il-loss of opportunity li jghid li sofra.

Ma jirrizultax li r-rikorrent tul it-23 sena kkontesta l-kondizzjonijiet tal-bail li gew imposti fuqu hlief darba meta talab li ma jibqax jiffirma darba fil-gimgha. Dwar is-safar, kull meta ir-rikorrent ghamel talba biex isiefer ma jirrizultax li din giet michuda. Fil-fatt kienet saret talba fil 22/01/2002 (fol. 306) u giet milqugha (ara fol. 307) u saret talba ohra fit-28 ta' Settembru 2010 li wkoll giet milqugha (fol. 346).

Illi fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ma jirrizultax li bil-kondizzjonijiet minimi ta' bail imposti fuq ir-rikorrent mill-Qorti fil-proceduri kriminali kienu tali li r-restrizzjoni tal-liberta tieghu kienet aktar milli kien necessarju skond il-ligi (l-artikolu 575 tal-Kap. 9 u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni) biex jigi assikurat li r-rikorrent jidher ghal atti tal-proceduri kriminali. Jekk ir-rikorrent dam aktar milli necessarju b'dawn il-kondizzjonijiet minhabba dewmien, dan se jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tiddelibera dwar ir-rimedju ghad-dewmien.

**Rimedju**

Skont l-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni: "Everyone who has been the victim of arrest or detention in contravention of the provisions of this Article shall have an enforceable right to compensation".

Bhala rimedju r-rikorrenti qed jitlob danni, sia materjali, sia morali u dannu ezistenzjali, sofferti minnu u mill-familjari tieghu bhala rizultat tal-vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tieghu u dana ai termini tal-Kap. 319 Dwar Il-Konvenzjoni Ewropea, b'referenza ghall-artikoli 4A(2); 5(5); Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, b'referenza ghal artikolu 3; u It-Tielet Skeda (Artikolu 4A) Paragrafi 22 sa 25 tar-Rapport Spjegattiv ghas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni u tal-Kostituzjoni ta' Malta, skont artikoli 34(4).

L-intimati wiegbu li jekk din il-Qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irragjonevoli u tqis li ghandha taghti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss forma ta' kumpens bhala danni morali u mhux ta' danni materjali.

Dwar ir-rimedju mitlub mir-rikorrent, il-Qorti tinnota li din il-kawza nfethet wara li kienu ntemmu l-proceduri kriminali u bis-sentenza moghtija r-rikorrent kien inheles minn kull akkuza. Ir-rikorrent qieghed jippretendi hlas ta' kumpens xieraq minhabba li, sakemm dam ghaddej il-procediment kontrih quddiem il-Qorti tal-Magistrati garrab hsara.

Jibda biex jinghad li l-ghoti ta' kumpens huwa fakultativ ghaliex dikjarazzjoni li sehh ksur tal-jedd ta' smigh xieraq wahedha tista' f'xi kazijiet isservi bhala rimedju. Min-naha l-ohra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li taghti lill-persuna mgarrba xi sura ta' kumpens dan m'ghandux ikun ezercizzju ta' komputazzjoni ta' danni bhalma jsir, per ezempju, fi process civili normali.

Inghad mill-Qrati taghna li "kawza kostituzzjonali ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fondamentali m'ghandhiex tigi konvertita f'kawza ghal danni akwiljani. Meta jigi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju ghandu jkun, bhala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien ingustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawza jew il-valur tal-proprjeta in kontestazzjoni, u bla pregudizzju ghad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawza" (**Gasan Enterprises Limted vs Awtorita tal-Ippjanar**, Kost 03/02/2009.)

Kwantu ghat-talba tar-rikorrent ghad-danni ezistenzjali l-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim tal-Qorti tal-Appell fil-sentenza **Lina Busutill et vs Dr Josie Muscat et** (27/06/2014) li ma qablix mas-sentenza tal-Prima Awla tat-30/11/2010 kwotata mir-rikororent (ara footnote 5 nota ta' osservazzjonijiet fol. 31). Ghalhekk din it-talba tar-rikorrent ma tistax tigi milqugha.

Il-Qorti wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet kollha, inkluz il-fatt li anke r-rikorrent ikkontribwixxa b'xi mod ghad-dewmien, tasal ghall-konkluzzjoni li ghall-ksur tal-jedd imgarrab mir-rikorrenti ma tghoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur izda lanqas ghandha ssir likwidazzjoni ta' danni kif isir fi procediment ordinarju f'azzjoni ghad-danni. Issib li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jinghata kumpens morali. Meta qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti waslet ghall-fehma li dan il-kumpens ghandu jkun hlas fis-somma ta' hamest elef (€5,000) li l-intimat Avukat Generali jrid jaghmel tajjeb ghalih.

Finalment ir-rikorrent talab l-intersessi relattivi skont il-ligi ta' 8% fuq is-somma ta' €699 depozitata in konnessjoni ghat-talba ghall-liberta' provizorja, mid-data tad-depozitu, cioe mill-10 ta' Dicembru, 1991 sa meta inghata s-somma lura.

Ir-rikorrenti jghid ukoll li hu kellu jaghmel tajjeb ghal obbligazzjonijiet b'depozitu ta' Lm300 u dawn il-flus kien hadhom lura f'Marzu 2014. Illi pero' mill-atti tal-proceduri kriminali jirrizulta li din is-somma ma harighiex ir-rikorrent imma kienet verament proprjeta ta' Lucrezia Cachia (ara fol. 19). Din is-somma giet irtirata minn Lucrezja Cachia f'Novembru 1992 (ara fol. 207). Imbaghad Michelle Zammit harget id-depozitu ta' Lm300 (ara fol. 223).

Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma pprovax li l-plegg li kien hareg kien bi flusu u lanqas ma gab prova li hu hallas xi interessi fuq dik is-somma. Ghalhekk it-talba ghal interessi fuq dik is-somma ma tistax tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba limitatament ghal dikjarazzjoni li r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq minhabba dewmien; u tichad it-tieni parti tal-ewwel talba billi mhijiex misthoqqa;

Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-kumpens fis-somma ta' hamest elef (€5,000);

Tichad it-talba ghal interessi fuq is-somma ta' €699;

Tilqa t-tielet talba u tikkundanna lill-Avukat Generali ihallas is-somma hekk likwidata bl-ispejjez kontra tieghu;

Id-Direttur Generali (Qrati), id-Direttur Qrati Civili u Tribunali, u l-Kummissarju tal-Pulizija qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur